**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 ta' Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Shaun Camilleri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Shaun Camilleri** ta' 23 sena, iben Mark u Silvana nee' Aquilina li twieled gewwa Pieta' nhar is-16 t' Awwissu 1997, iddikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 14A, Sqaq Marina Nru 2 Kalkara u detentur tal-karta tal-identita 318597M

Akkuzat talli fid-9 ta' Marzu 2021 fil-ħinijiet ta' bejn il-11am u 12.30pm ġewwa Marsaskala b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Bil-ħsieb li jweġġa lil omm uliedu Maraya Scicluna, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekuzzjoni tad-delitt meta għafas idejh ma għonqha b'tentattiv li jiġu

kaġunati feriti gravi fuq persunta, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu

2. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' omm uliedu Maraya Scicluna, hekk kif iċċertifika Dr. Maria R. Borg (Med Reg 2206) mill-isptar Mater Dei

3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Maraya Scicluna

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Maraya Scicluna

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Shaun Camilleri a benefiċju ta' Maraya Scicluna u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Maraya Scicluna** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Shaun Camilleri b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijijet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' seba' (7) snin prigunerija, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

4. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

5. Rat il-pre-sentencing report tal-ufficjal tal-probation.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena, fis-seduti tal-10 ta' Novembru 2021 u tat-12 ta' Jannar 2022.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2011, il-vittima Maraya Scicluna irtirat dak kollu irtirabbli legalment u irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli legalment. Ghaldaqstant, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li huma kontravvenzjonijiet li jehtiegu l-kwerela tal-parti ai termini tal-Artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali, gew irtirati mill-vittma, u konsegwentement l-imputat ma jistghax jinstab hati taghhom.

11. Pero mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

12. Bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideologiku tar-reati, it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u cioe dik ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna.

13. L-imputat ghandu fedina penali prattikament netta, b'kundanna wahda relatata ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan tal-operi tal-bahar.

14. Dan hu kaz ta' vjolenza domestika, fejn l-imputat u l-vittma kienu f'relazzjoni ghal numru ta' snin, u ghandhom zewgt itfal, wahda ta' tlett snin u l-ohra ta' sena. Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imputat u l-vittma irrikonciljaw u regghu bdew jghixu flimkien. Ghalkemm fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021, il-vittma talbet lil din il-Qorti twaqqaf il-proceduri odjerni fil-konfront ta' missier uliedha ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kodici Civili, din il-Qorti cahdet din it-talba, stante li fl-opinjoni taghha ma kienx opportun li twaqqaf dawn il-proceduri.

15. Ghalkemm huwa vera li l-vittma hafret lill-imputat, u jidhru qed jghixu hajja stabbli, din il-Qorti ma tistax timminimizza dan l-incident. Mill-provi jirrizulta li l-imputat aggredixxa lill-vittma b'mod aggressiv, u ikkagunalha feriti fuq wiccha u f'ghonqha. Jirrizulta wkoll li din ma kinietx l-ewwel darba li l-imputat aggredixxa lill-vittma b'mod fiziku, tant li l-vittma kienet diga ghamlet rapport precedenti lill-Pulizija dwar aggressjoni fizika mill-imputat.

16. Mill-pre-sentencing report ordnat minn din il-Qorti *ex officio,* jirrizulta illi:

*"- Jinhass il-bzonn li jkun assessjat sew l-aspett tad-droga fil-hajja tal-imputat, sabiex sussegwentement ikun jista' jindirizza dan l-istess aspett;*

- *Jkun ta' beneficcju ghall-ikkoncernat li jinghata ghajnuna dwar ir-rabja li huwa jidher li ghandu b'mod specjali dwar it-tfulija tieghu. L-ghajnuna f'dan ir-rigward ghandha tghinu sabiex jahdem fuq l-aspett tar-rabja u jkun jista' jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu b'mod specjali meta jkun f'ambjent domestikuu.*
- *Sessjonijiet ta' terapija ghall-familja jistghu jkunu ta' ghajnuna ghall-familja tal-imputat sabiex ikunu jistghu jahdmu fuq ir-relazzjoni li kemm huwa kif ukoll is-siehba tieghu jidhru li jridu jkunu fiha;*
- *Jinhass il-bzonn ukoll li l-imputat isib impjieg stabbli u jkun jista' jhaddem il-hiliet li huwa ghandu b'mod specjali fit-tisjir."*

17. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu billi ghamel din ir-rakkomandazzjoni:

*"Mill-informazzjoni migubura ghall-fini ta' dan ir-rapport jirrizulta li fil-prezent Shawn Camilleri mhux kandidat idoneu sabiex iwettaq Ordni ta' Servizz fil-Komunita. Fil-kaz ta' Camilleri l-imputat jinhass il-boznn li jinghata piena li jkollha element ta' supervizjoni sabiex ikun zgurat li l-imputat ikun mghejun kif ukoll jimpenja ruhu sabiex jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu. Dan bil-ghan li l-ikkoncernat jirriabilita ruhu u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu li jista' jwasslu ghal aktar inkwiet."*

18. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta wkoll li l-vittma timminimizza hafna dan l-incident, kif ukoll it-tendenza tal-imputat li ma jikkontrollax l-emozzjonijiet tieghu. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-vittma hija maqbuda f'kunflitt emottiv. Ghalkemm,

din il-Qorti tifhem li l-vittma tixtieq li r-relazzjoni taghha mal-imputat tkompli sejra ghall-ahjar, anke fl-interess ta' uliedhom minuri – u din il-Qorti tawspika li r-relazzjoni taghhom tkompli tissahhah - pero fl-istess hin, din il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma zzommx quddiem ghajnejha li minghajr l-ghajnuna necessarja, u minghajr deterrent effettiv, hemm probabilita qawwija li l-imputat jerga' jirrepeti l-agir tieghu.

19. Wara li din il-Qorti irriflettiet fit-tul taqbel mas-sottomissjoni tal-Ufficjal Prosekutur li fil-waqt li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea, min-naha l-ohra l-piena ghandha tkun wahda ta' deterrent sabiex incident simili ma jergax jirrepeti ruhu, u dan fl-interess tal-istess vittma, uliedhom minuri u tas-socjeta in generali. Huwa obbligu ta' din il-Qorti li tghaddi messagg ta' determinazzjoni u severita ghall-vjolenza domestika.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi:

1. li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti kontra l-imputat, stante li l-kwerela fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet giet irtirata mill-parti offiza fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, 222(1), 221(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lil hati ghal piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. A tenur ta' l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien erba' (4) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu

skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

21. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

22. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

23. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**